MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2000

Citazzjoni Numru. 932/2000/1

**Alfred u Catherine konjugi MALLIA**

**vs**

**Raymond BAJADA, esercenti fil-kummerc bhala *Casa Design.***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni pprezentat fil-15 ta' Mejju, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi taw b'appalt lill-konvenut diversi xogholijiet ta' ghamara kif elenkati fil-prospett rilaxxat mill-istess konvenut immarkat Dok. AM1;
Illi l-konvenut ikkonsenja xi xogholijiet ta' ghamara illi izda rrizultaw illi mhumiex mahdumin skond l-arti u s-sengha, mhux tal-kwalita' pattwita, u mhux kompluti skond kif miftiehem;

Illi l-atturi hallsu lill-konvenut, f'numru ta' pagamenti, is-somma komplessiva ta' tlett elef tmien mija u tnejn u hamsin lira (Lm3,852) akkont tal-prezz;

Illi l-atturi interpellaw diversi drabi lill-konvenut sabiex jispicca x-xoghol kif pattwit izda dan baqa' inadempjenti, anzi ippretenda li l-atturi jaghmlu aktar hlasijiet akkont;

Illi l-konvenut huwa in adempjenti fl-obbligi minnu assunti taht l-appalt kontrattat bejn il-partijiet, u l-atturi ghandhom dritt li jitterminaw l-istess appalt u jitolbu r-rifuzjoni tal-prezz imhallas akkont;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna:

1. Tiddikjara illi l-kuntratt ta' appalt koncess mill-atturi lill-konvenut gie terminat mill-atturi ghal raguni valida fil-ligi a tenur tas-subartikolu tlieta (3) tal-artikolu 1640 Kap 16, u dan billi l-ghamara konsenjata mill-konvenut appaltatur ma kenitx skond l-arti u s-sengha u/jew ma kenitx tal-kwalita' pattwit, u/jew ma kenitx kompluta kif miftiehem;

2. Tiddikjara li l-atturi taw bil-quddiem lill-konvenut appaltatur f'serje ta' pagamenti qabel mal-kuntratt inhall, is-somma komplessiva ta' tlett elef tmien mija u tnejn u hamsin lira maltin (Lm3,852) akkont;

3. Tillikwida tad-danni sofferti mill-atturi in vista ta’ l- inadempjenzi kontrattwali tal-konvenut appaltatur;

4. Tillikwida okkorrendo l-valur tal-utilita’ tal-ispejjez maghmula mill-konvenut appaltatur u tax-xoghol maghmul mill-istess konvenut appaltatur;

5. Tikkundanna lill-konvenut appaltatur irodd lura lill- atturi kull eccess li jirrizulta a tenur tas-subartikolu erbgha (4) tal-artikolu 1640, Kap 16;

Bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tx-xiehda tal-istess atturi;

Rat in-Nota tat-22 ta’ Gunju, 2000, li biha l-konvenut, fil-kwalita’ tieghu premessa, ecepixxa, preliminarjament, l-irritwalita’ u konsegwentement in- nullita’ tac-Citazzjoni attrici stante li ma jistghux isiru diversi azzjonijiet gudizzjarji f’kawza wahda u dan kif hemm indikat fl-ewwel talba tal-atturi; u, fit-tielet (*sic*) lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u anzi l-atturi qabdu u tterminaw l-appalt minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi u ghal dan il-ghan ser jigu pprezentati proceduri gudizzjarji appoziti kontra l-istess atturi; illi ghalhekk ma jirrizulta li hemm ebda danni sofferti; illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici; u salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fl-udjenza tas-27 t’Ottubru, 2000, f’liema jum il-kawza thalliet ghall-provvediment dwar dik l-

eccezzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

***Ikkunsidrat:***

Illi l –kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji jistghu jinghataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi;

Illi, minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, l-eccezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-hrug tal-att gudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghdha, hija moghtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet <u>*Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino*</u> [Kollez. Vol. **LXXXII.ii.30**] ;

Illi, f'dan il-kaz, il-ligi qeghda taghmel riferenza ghall-bidliet illi jistghu jsiru f'att gudizzjarju bis-sahha tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi l-ligi tipprovdi ukoll li att gudizzjarju, maghmul bis-sahha ta' att null jew li gej minn att null, huwa null ukoll [art. 98 tal-Kap 12];

Illi ghalkemm il-konvenut ma weriex taht liema sub-inciz tal-artikolu 789 qieghed iressaq l-eccezzjoni tieghu, huwa jsemmi l-irritwalita' tal-Att tac-Citazzjoni. L-eccezzjoni hija limitata ghall-ewwel talba tal-atturi li tikkontempla tliet (3) ipotesi differenti il-ghaliex huma jitolbu li l-appalt jigi mahlul. Izid jghid li din l-irritwalita' tidher minhabba li l-atturi qeghdin iressqu ghadd ta' azzjonijiet gudizzjarji f'kawza wahda. Minn dak li semghet il-Qorti waqt it-trattazzjoni u minn dak li

nghad izjed ‘il fuq, din l-eccezzjoni jidher li hija msejsa fuq il-paragrafi (c ) u/jew (d) tas-sub-inciz (1) tral-artikolu 789;

Illi, kif inghad f’ghadd ta’ decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita’ mtella’ taht il-paragrafu (c ) u dik that il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f’tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta’ partikolarita’ essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux “semplici” ksur tal-forma preskritta [ara. per ezempju, PACS tal-**4 ta’ Novembru, 1988** fil-kawza fl-ismijiet *Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*];

Illi l-ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba [art. 156 (1) (a) tal-Kap 12]. Marbut ma’ dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta’ li tkun tista’ tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta’ min iharrikha;

Illi proprju dwar din id-disposizzjoni, wiehed isib ghadd ta’ decizjonijiet tal-Qrati taghna li jfissru l-limiti taghha fid-dawl tan-nullita’ tal-Att tac-Citazzjoni minhabba n-nuqqas ta’ harsien tal-ligi. Hafna minn dawn id-decizjonijiet inghataw minhabba li jkun gie allegat li t-talba kienet incerta, x’aktarx sintesi ta’ jeddijiet li kull wiehed minnhom jaghti lok ghal azzjoni distina u separata. Ghal xi zmien, il-forma tal-att gudizzjarju kienet issaltan, imma, iz-zmien u b’interventi tal-legislatur, issawret it-tejorija maghrufa bhala tal-ekwipolletni li nisslet il-principju li m’hijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni [ara. per ezempju, PAEM tad-9 ta’ Marzu, 1965 fil-kawza fl-ismijiet *Marianna Muscat nomine vs Avukat Dottor Joseph Cassar et nomine* Kollez. Vol. **XLIX.ii.809** u l-gurisprudenza hemm imsemmija];

Illi, ghalhekk, Citazzjoni m’ghandhiex tigi mwaqqa’ ghajr ghal ragunijiet gravi [ara Appell Civili tal-**20 ta’ Frar**, **1935**, fil-kawza fl-ismijiet *Rosario Merola pro. et noe. vs Salvatore Caruso* Kollez. Vol. **XXIX.i.106**]. Madankollu, biex citazzjoni jista’ jinghad li ghandha kawzali cara bizzejjed jehtieg li jirrisulta rapport ta’ rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha mmirata lejn il-persuna mharrka. Jekk in-nuqqas ta’ kjarezza jkun ta’ ghamla u kwalita’ tali li jcahhad

b'mod serju lill-konvenut mid-difiza tieghu, ic-Citazzjoni ghandha tigi mwaqqa' [ara Appell Civili tat-**22 ta' Mejju, 1967**, fil-kawza fl-ismijiet *Emma Scicluna vs Mary Xuereb et*. Kollez. Vol. **LI.i.299**];

Illi nghad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex Att ta' Citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha [ara PACC tal-**14 ta' Frar, 1967** fil-kawza fl-ismijiet *Joseph G. Coleiro vs Tabib Joseph Ellul* Kollez. Vol. **LI.ii.779**];

Illi minn semplici daqqa t'ghajn lejn il-mod kif in hija mfassla, l-azzjoni attrici timmira li tholl appalt moghti mill-atturi lill-konvenut minhabba li l-konvenut jinghad li ma sehhlux itemm dak li ntalab jaghti, flimkien ma' talba sabiex l-istess konvenut ihallas id-danni lill-atturi u li jrodd lura l-ammonti mhallsin lilu akkont, wara li jitnaqqas il-valur tal-hwejjeg li huwa lahaq ghadda lill-atturi;

Illi, minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu tal-istess talba - kemm minhabba li l-ebda provi ma ghadha ngabret s'issa u wkoll minhabba n-natura tal-eccezzjoni nnifisha - wiehed jista' jifhem li l-atturi qeghdin, f'talba wahda, jikkontemplaw in-nuqqas ta' twettieq tar-rabta kontrattwali kemm minhabba xoghol hazin u kif ukoll minhabba dewmien fil-konsenja tax-xoghol ordnat. L-atturi qeghdin jinqdew bl-azzjoni msemmija fl-artikolu 1640 tal-Kodici Civili li titkellem dwar il-hall tal-kuntratt tal-appalt min-naha ta' dak li jaghti x-xoghol (l-appaltant);

Illi l-imsemmija azzjoni, li ddahlet fil-ligi bl-Att IV tal-1995 (u bidlet ta' taht fuq il-qaghda legali li kienet prevalenti sa dak iz-zmien dwar l-appalti), tista' tigi proposta minn appaltant ukoll meta l-appaltatur ikun beda jwettaq l-appalt, u anke jekk ma jkunx hemm raguni xierqa biex jaghmel dan. Dn johrog mil-ligi nnifisha u d-differenza ewlenija tikkonsisti fl-ghamla ta' kumpens li min iwaqqaf l-appalt ikun irid ihallas lill-appaltatur;

Illi dan ifisser li, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel talba hija basikament wahda li titlob il-hall tal-appalt ghal raguni attribwibbli lill-konvenut. Fi kliem iehor, it-tliet (3) ipotesi msemmija mill-atturi fl-ewwel talba m'humiex kontradittorji mat-talba nnifisha u huma kollha meqjusa li jitfghu fuq il-konvenut ir-raguni li ghaliha l-atturi qeghdin jitolbu l-hall tal-kuntratt tal-appalt;

Illi, minbarra dan, it-tliet ipotesi huma miruta mill-premessi tal-istess Citazzjoni;

Illi, min-naha l-ohra, minhabba li l-azzjoni tal-atturi tipponta l-htija ghal dak li gara fuq il-konvenut, il-konvenut ghandu dritt jitlob u jkun jaf liema mit-tliet kawzali l-atturi jridu jsejsu t-talba taghhom fuqha, u dan sabiex ikun jista' jiddefendi l-kaz tieghu kif jixraq. Dan ma jgibx in-nullita' tal-att gudizzjarju, imma jaghti lok ghal rimedju iehor ikkontemplat fil-*proviso* tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi:

**Billi tichad l-eccezzjoni ta' nullita' tal-Att tac-Citazzjoni mtella' mill-konvenut**, u tordna li l-kawza tissokta tinstama' fil-mertu; u

Tordna lill-atturi sabiex, ghall-finijiet tal-artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddikjaraw b'Nota fl-atti ta' din il-kawza u fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data ta' din is-sentenza, dwar liema wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-ewwel talba taghhom qeghdin jitolbu li l-Qorti tholl il-kuntratt ta' appalt moghti lill-konvenut.

L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandhom jigu determinati meta l-kawza tinqata' fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------